# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tieni Sena** **Settembru 1932** **No. 19**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

The Royal University of ...

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

SETTEMBRU 1932] IT-TIENI SENA [Nru 19

# IL-MALTI U L-GĦARBI

L-akbar tgħajjira li biha jmaqdru l-Isien Malti hu n-nisel tiegħu. Il-Malti, igħidu, hu mnissel mill-Għarbi, il Malti mela jgħaqqadna mal-Għarab, ma' ulied il-Quran u jneżżgħalna l-gieħ kollu li bih Malta kienet dejjem imżejjna sa mill-eqdem żmenijiet. Jekk irridu ngħożżu ġieħna u nimxu ma' ġnus oħra, mal-akbar mal-eqdem ġnus tad-dinja jaħtiegilna ninfirdu mill-Għarab u minn ilsienhom, nitilqu għal kollox il-kitba u t-tagħlim tal-Malti u nżommu bhala ilsien tagħna dak il-Isien li jerfagħna u jgħollina ma' ġnus oħra.

Mhemmx għalfejn naħlu ħafna kliem ma' dawk li jaħsbu hekk. Kullħadd jaf, barra minn dawk li ma jridux jafu, li nisel ta' poplu mhux dejjem għandu x'jaqsam ma' nisel Isienu. Kemm hawn ġnus ta' nisel wieħed li ma jitkellmux ilsien wieħed? U kemm hawn ġnus li jitkellmu Isien wieħed u mhumiex minn nisel wieħed? Mela jekk il-Maltin jitkellmu Isien imnissel mill-Għarbi b'daqshekk ma nistgħu ngħidu qatt li l-Maltin huma mnisslin mill-Għarab jew imħaltin magħhom.

Iżda hu għajb għalina li nitkellmu Isien imnissel minn ilsien il-Quran? U xinhu l-Għarbi? Jekk irridu nfittxu nisel l-Għarbi nintilfu fid-dlamijiet. L-eqdem poeżiji Għarbin, miktubin, xi 500 sena wara Kristu juruna reqqa u sengħa kbira fil-kitba tal-Għarbi, u dan ifisser li l-Għarab kien ilhom jitkellmu dak il-Isien minn żmien twil qabel. Mela l-Isien Għarbi kien fl-aqwa tiegħu meta l-ilsna tal-lum kienu anqas ma twieldu. U minn dak iż-żmien sal-lum l-Għarbi mhux biss baqa ħajj, iżda żamm dejjem fih in-nifsu l-qawwa, r-reqqa, l-ġmiel tal-ewwel snin.

U mhux biss hu l-Għarbi eqdem mill-ilsna tal-lum, iżda hu wkoll mill-ilsna l-aktar imxerrdin mad-dinja. Meta il-Għarab ħarġu minn arthom biex jirbħu d-dinja taħt il-ħakma tal-Quran, kull fejn jirbħu kien jidħol Isienhom. Ir-rebħ tal-Quran kien rebħ tal-Isien Għarbi. Fejn il-Quran ma setax jirbaħ, rebaħ il-Isien Għarbi; u fejn il-Quran tilef il-ħakma tiegħu, ma tilefhiex il-Isien Għarbi. Illum 155 miljun jitkellmu l-Għarbi, bejn wieħed u ieħor daqskemm hawn nies jitkellmu l-Ingliż.

The Royal University

Il-Isien Għarbi hu l-aktar ilsien għani fost l-ilsna tad-dinja kollha. Għalkemm twieled u trabba fix-xagħri, magħluq bejn l-iġbla u l-baħar, maqtugħ minn kull naħa, kellu fih in-nifsu l-qawwa tal-iġbla u għallhekk kiber b'kotra ta' kliem bla tarf. Ħaġa li jafha kullħadd, il-Għarbi għandu mijiet ta' kliem biex ifisser ħaġa waħda biss, u kelma waħda jista' jkollha ħafna tifsir. L-Għarbi għandu kliem aktar minn ilsna oħra iżda għandu wkoll kotra ta'regoli li bihom jista' jaħdem bis-sengħa u bil-ħeffa dak il-kliem u jfisser bih kull ħsieb li jrid.

L-Għarbi ma għandniex inqisuh bħala l-Isien tal-Quran biss. Barra mill-Quran għandna kotra ta' kotba Għarbin, jigifieri għandna letteratura Għarbija, bħalma għandhom l-ilsna tal-lum, għandna kotba ta' tagħlim f'kull fergħa tal-għerf, bħalma għandna f'ilsna oħra. L-ewwel poëżiji ma kenux ħlief għana; iżda meta tagħlim l-Għarbi beda jixtered barra mill-Għarabja, bdiet iżjed tixtered il-kitba tal-Għarbi. Il-poëżija għaddiet aktar il-quddiem; mal-poëżija bdiet tinkiteb proża ta' kull għamla: Storja, rumanzi, ħrejjef, rakkonti, proverbi; kotba ta' grammatka, dizzjunari u tagħlim ieħor fuq il-Isien Għarbi; kotba ta' filosofija, teöloġija tal-Misilmin, astronomija, mediċina, ligi; tradużjonijiet mill-Grieg u mis-Sorjan. Sewwa qal wieħed għaref fl-ilsna semin li fiż-żmenijiet il-qodma u fiż-żmenijiet tan-nofs l-ebda ġens tal-Ewropa ma jista' jiftaħar b'letteratura bħal-letteratura Għarbija. Iżda jekk irridu nifhmu l-kobor tal-letteratura Għarbija, għandna nqisu l-effetti tagħha fuq ilsna u letteraturi oħra. Kliem Għarbi daħal, ftit jew wisq fl-ilsna kollha tal-Ewropa. Barra mill-kliem daħal ħafna mit-tagħlim tagħhom tal-filosofija u tax-xjenza,u saħansitra kotba li huma l-foħrija tal-letteraturi tal-lum minsugin kollha fuq kotba Għarbin.

Mela meta ngħidu li l-Malti għandu x'jaqsam mal-Għarbi nkunu ngħidu li l-Malti għandu x'jaqsam ma lsien mill-akbar u mill-aqwa li qatt kien hawn fid-dinja.

## LIL.... WIEĦED

Sabiħa d-dar li bnejt ħdejn xatt il-baħar:
Ma jaħkimhiex il-bard wix-xemx bi ħruqha,
Ma jaħkimhiex ir-riħ u r-raxx tal-mewġa,
Jaħkimha biss il-ħlien li silfek fuqha.

C. V.

# LIL WIED IL-GHASEL

Ja wied il-għasel li dil-gżira tifraq
Minn Miġra l-Ferħa sal-melħ tas-salini,
Sew jekk tinfirex ma' l-Imtaħleb aħdar
Kemm meta tgerbeb ġol-Fiddien daħqani,
Ma fikx biss ġebla mingħajr ġmiel li jsaħħar,
Ma għandekx biss roknu mingħajr ħrafa tagħha.
Ma nafx fejn hawn li jisboq lil Imtaħleb
Fil-ġmiel u l-ħlewwa. Waqt il-lejla siekta
Minn għorfa nofs moħbija qalb is-siġar
Toħroġ il-għanja safja ta' xi tfajjel.
Il-ġmiel u l-ħemda ta' dar-raba' msaħħar
Italla' il-għana minn qalb il-bnedmin,
U jien, li dejjem f'ħaġa waħda naħseb,

Ingħolli leħni u din il-għanja ntenni:
  Alla li ħlaqt il-ġmiel ta' mingħajr tebgħa,
  Alla li ħlaqt it-tajjeb ta' din l-art,
  Alla li inti ħniena, int għerf u mħabba,
  Ħallini nilmaħ dal-miraklu tiegħek,
  Għaġeb ta' ġmiel li int għoġbok toħolqilna.
  Filfla, kaħla, fil-bogħod ġo baħar ikħal;
  Qisha xi ġawhra li mis-sema waqgħet.
  U raba' li bix-xewqa tiegħek ħaddar,
  U ilma li bix-xewqa tiegħek sqieh.

Il-bniedem, li bi ħsiebu mar ifittex
Is-sewwa qalb in-nies u ma sabhiex;
Il-bniedem, li għażżien ried isib hena
Barra mix-xogħol u reġa' huwa għajjien;
Ix-xwejjaħ b'qalb imweġġgħa bid-daqqiet
U bit-tkażbir tad-dinja li ma tafx;
Kollha ġew hawn u għandek sabu faraġ.

. . . . . . . . .

U iżjed l-isfel fejn il-wied mill-Qliegħa
Jmur jissemma, ma tarax ħlief ilma,
Wieqaf, miexi, jiġġerra jew jitgerbeb
Minn ħitan għolja għal ġo għadajjar kbar.
Meta jien nilmaħ dan il-għana kollu,
Ngħid, waqt li jdejja ġewwa fih inbaħbaħ:
Imbierek l-ilma li jsaqqilna artna,
Imbierek l-ilma li jaqtgħalna l-għatx,
Imbierek l-ilma li jatina l-ħajja,
Imbierek l-ilma li ma jirbħu ħadd.

U jekk minn qiegħ dal-wied il-fuq int tħâres
Tilmaħ l-Imdina wieqfa, għolja w sbejħa,
Qisha sultana fuq it-tron minn tagħha.
Min jaf, ja belt, ta żmenijiet li ħarbu
Kemm rajt id-dinja tbiddlet ġo treqatek!
Issa inti siekta; saħħa biss bakâlek
U ġmiel li ma ħarbekx bħalma għamlu niesek.
Iżda żmien ilu rajt in-nies ta' Ruma,
Iħawlu djarhom fuk l-għoljiet qawwija,
U wara Ruma rajt in-nies t'Għarabja
Jaħqru dil-gżira bit-treġija tagħhom.
Ruġġieru wara ħelsek minn dal-jasar,
Għammrek bid-djar, bil-knejjes u palazzi.
Hadlek 'il-Korsikân dehbek u flusek
Iżda ma seta' qatt biss inaqqaslek
Il-ġmiel u l-qagħda ta' xi ħaġa kbira.
U jibqa miexi dan il-wied fi ġmielu
Qalb raba' u mogħxa sa fejn hemm il-Knisja
T'Ommna tat-Tama. Hawn il-Mostin għaxu
U ħadmu sakemm għarfu jagħmlu ħaġa,
Li tibqa sa kemm jibqa nisel Kristu,
Wirja ta' ħedma w ta' twemmin imqaddes.

Bħalma x-xemx sabiħa iżjed hi f'inżulha,
Bħalma kull għanja isbaħ hi fit-tmiem,
Hekk dan il-wied li hu sabiħ ma' tulu
Fit-tmiem issib int l-oħla tal-ġmiel tiegħu.
Oh! kemm-il-darba jiena ġibt hawnekka
L-eħrex ħsebijiet tiegħi, kemm-il-darba
Is-skiet ta' dan il-wied niżel bħal duwa
Li l-qalb muġugħa tfejjaq minn kull niket.
Hawnekk jien sibt dak li ċaħditli d-dinja
Mistrieħ u hena li qatt ma jintesa.
Qalb dan il-ward u dil-fwieħa tal-plejju,
Qalb il-ġmiel kollu tan-natura f'Mejju,
Tar minn quddiemi kull taħbit ta' moħħi,
Insejt in-niket, insejt li għandi gisem,
Li malajr jagħleb ir-raġuni safja.
Ma hawnx ħlief skiet! In-naħal ftit iżanżan,
L-għasfur ipespes fuq balluta xiħa;
Xi nagħġa fuq il-blat għoli tittarraf,
Waqt li fil-qiegħ tal-wied ċarċir ta' ilma
Tistħajjlu serp tal-fidda jimxi w jimraħ.
Xejn ma tbiddel miż-żmian li San Pawl tela'
B'ġemgħa ta' nies warajh minn ħdejn il-baħar
Fis għan-Naxxar, biex hemm għal l-ewwel darba
Lil niesna jsemmagħhom il-kelma ta' Alla.

Nies twieldu u mietu; telgħu saltniet w għabu,
Imma f'dal-wied anqas ħaġra ma tbiddlet,
W għat-tfajjel li qe'd jirgħa l-merħla bajda
Xejn ma tbiddlet id-dinja. In-nies jiġġieldu,
Jatu, jitqâtlu, iżda xorta waħda
F'dan il-wied ċkejken għadha tonqob warda
Li tħabbar ir-rebbiegħa. Xorta n-naħal
Fis-sajf jaħżen il-għasel ġo bejtietu,
U xorta s-siġar fil-ħarifa jinżgħu
Il-weraq li jħaddarhom. Xorta waħda
Ix-xitwa ġġib dik il-qawwa tal-ilma
Li tgerbeb kull ma ssib, li taħsad
Ix-xtieli minn għeruqhom, bħalma ż-żmien
Mingħajr xejn ħniena jkeċċi minn ġo d-dinja
In-nies il-fqar, il-għonja, u lil dawk kollha
Li għadhom ma ġewx igħammru fuq din l-art.

15-5-31 A. E.

# KATARIN X'TAF BIL-LATIN?

Ħabbatt qajl qajl il-bieb ta' Katarin, imma ħadd ma weġibni. Kien waqa' dlam ċappa taqtgħu b'sikkina; l-ebda tieqa ma kienet għadha tarmi ħajta dawl; biss 'l hawn u 'l hinn kienu jidhru xi fanali mnewmna qishom rwieħ għassiesa jew mniegħel mherwla qegħdin jatu s-salt biex jaqbżu minn mal-kantunieri tal-ħitan imċaqalqa.

Ħabbatt aktar qawwi, għax bħal twaħħaxt, u, billi kienet kesħa tidħol ġol-għadam, rassejt il-ġlekk madwari, tallajt il-għonq u qabbadt sigarett, li kont għadni kemm iddubbajt dak il-ħin, u qgħadt bis-sabar kollu nistenna xi ħadd jiftaħli. Kont sa narġa' nħabbat, xħin smajt bħal ħoss imkaxkar ta' passi tqal. Għaraft malajr li x-xwejħa Katarin kienet saflaħħar nieżla tiftaħ.

Ma din ix-xwejħa kont inħobb kull tant inqatta' xi siegħa npaċpaċ, issa fuq ħaġa, issa fuq oħra. Kellha ħabta ssammarni fuq siġġu nismagħha tgħidli l-ħajja ta' nannieti. Dawk żmenijiet; il-lum kollox waqa' borra; kollox tilef il-ħajr! Hekk kienet taħseb Katarin. Fost ħwejjeġ oħra kienet toqgħod tgħidli x'saħta kien fiha ommi meta kienet għadha xebba; kemm kienet imqarqċa; kemm tbellhet fi żmienha; u dan, ingħid is-sewwa, kien igħaġġibni, għax 'l ommi dejjem nafha rżina fl-imġiba tagħha; imma ħsibt u fhimt li, kos, in-nisa kollha jsiru jixbħu ftit jew wisq lis-sorijiet, wara li jkunu għamlu tagħhom bħala

xebbiet. U, tabilħaqq, ommok bħal ommi, serja kemm hi serja, darba kellha moħħa fuq il-werqa, ittajjret, tbellhet, iġġennet, w iżżewwġet biex sallbet lil missierek.

Ċaqlem, ċaqlem, fl-aħħar niżlitu t-taraġ tas-setaħ u l-bieb infetaħ. Fid-dawl tal-musbieħ li kellha fl-imnara din ix-xwejħa kienet tidher li saħħitha naqset, għalkemm fommha dejjem jitbissem. Xħin râtni, għall-ewwel, damet ftit tħares lejja, u xħin fl-aħħar għarfitni, "jabbni min hawn, ruħi qalbi," għajjtet, "ġie jarana Fredu, bin is-sur Karm. Idħol, ibni. Illum għandi hawn lil Dun Gejt. Tafu, he, lil Dun Gejt? Hu jafek sewwa, sikwit isemmik; miġbud wisq lejkom, billi darba kien surmast tal-latin ta' missierek. Mhux biss, lil missierek għallmu l-għajnuna talquddiesa meta, ruħi qalbi, kien għadu tifel ċkejken, jilbes ta' abbati. Dak żmien", issoktat tgħid fil-waqt li tebqet il-bieb u qabdet qajl qajl it-taraġ tas-setaħ, "dak żmien. Kemm kienet tixraqlu s-suttana u dik il-bjuda ta' spellizza li kellu! Iċ-ċirka biss kienet tonqsu. Imma ma kienx mn'Alla. Halla bis-sliem, iżżewweġ 'l ommok, wil-Bambin tah lilek. Eh! għal missierek staqsi lili; kien għadu tifel żgħir meta jien kont sirt xebba ġmieli. Niftakar li dik il-ħabta kont bil-ġlied id-dar, għax ma redunix nieħu 'l Paċikk tal-Qorru. Kollox igħaddi. Imma 'l missierek għadni niftakru tfal, wiċċu wiċċ il-ħawħa mlewna, mimlija. Għajnejh żewġ kwiekeb ġerrejja, kif kont ngħanni lil Paċikk tal-Qorru, Alla jaħfirlu, meta kont nirgħa n-ngħaġ qrib ir-razzett tagħhom. U xagħru, mbagħad! kont inħobb immellishulu, norbothulu toppu' b'żagarella biex nidħaq, jew inġegħidhulu bħal ta' tifla, għax kien jinżillu sa spallejh."

Sa dan il-ħin konna tlajna t-taraġ, qbadna s-setaħ u wasalna armajn quddiem l-għorfa tax-xwejħa Katarin, xħin, għad-dawl ta' lampa b'tubu mdaħħan, ilmaħt ġejj jilqagħni qassis imdaħħal fiż-żmien, xagħru qotni, għalkemm mimli, u fommu qiegħed għal tbissima ħelwa ta' ħbeberija u mħabba. Kien ix-xwejjaħ Dun Gejt, is-surmast ta' missieri. "Merħba bik, sur Fred", sellimli dan, "għaddi, darna qisha darek. Għaddi qatta' siegħa magħna għas-sħana tal-kenur, nitħaddtuha ftit. Barra l-lum kiesaħ, u għal min hu bħali, xiħ għakka, il-ksieħ ta' min jibża' minnu." Hu u jgħid hekk, taptapli fuq spallejja, qabadni minn idejja u daħħalni ġewwa għas-sħana tal-kenur li, biex ingħid issewwa, għall-ewwel ħassejtha sa tifgani. Imma jien urejt li qiegħed għal qalbi f'dik is-sħana tal-għorfa, u qgħadt bil- qiegħda ħdejn Dun Gejt. Katarin, ftit imtertra bil-kesħa li ħasset sa ma fetħitli, intasbet fuq senduq baxx, b'riġlejha mserrħin fuq xkora nuħħala, u mgeżwra tajjeb f'xall sewdieni.

"U hekk, sur Fred; ġejt tarana?" qal bi tbissima ħelwa Dun Gejt, issa ishar sagħtejn magħna, u minn hawn u ftit ieħor natuk bieqja baqta, tfettet bukkun fiha, u Alla jgħinna. X'hemm aħjar minn hekk f'lejla kiesħa bħal din?"

"Titħabtu xejn bija, Dun," weġibt jien,"il-ġuħ ma jagħmelx

bija; wasalt sa għandkom għax xtaqt narakom. Tad-dar ġennuni biex nieħu ħbarkom. Missieri, mbagħad, mhux ħlief igħidli: sellili għal Dun Gejt, għidlu li l-għajnuna tal-quddiesa għadni ma nsejthiex. Bagħatlek borża tabakk ifuħ, minn dak li tħobb int; u lil Katarin ommi bagħtetilha nofs tużżana mkatar tal-għażel.

Dun Gejt ried itir bil-ferħ; għal pipa tabakk tajjeb kien jagħmel kollox, u Katarin imbagħad, ma ngħidu xejn, l-imkatar tal-għażel ferħet bihom bħalkieku għadha xebba għaż-żwieġ.

"Ħares, Dun Gejt," qbiżt jien wara ftit, bħalkieku kont insejt xi ħaġa, "ma nagħmlux môd li dħalt fuqhom f'ħin ħażin? Forsi fixkiltkom f'xi ħaġa mingħajr ma naf. Ara li miegħi kollox igħodd; aħna ħbieb, u miegħi mhemmx bżonn ta' kumplamenti żejda."

"U le," wieġeb ix-xwejjaħ qassis "aħna mal-ħbieb biebna miftuħ kull ħin. Konna biss qegħdin ngħidu r-rużarju u, billi griżmejja daqsxejn morda, kienet qiegħda tqasstu Katarin."

"Ara fixkiltkom," weġibt jien, "komplu mela, jiena nistenna; miniex mgħaġġel."

Katarin tbissmet, ħarrket il-kuruna f'idejha, u "nistgħu nkompluh mela," qalet, "baqâlna biss xi talbiet u l-litanija; dal-waqt inkunu miegħek." U dlonk leħen Katarin instema' jfassal xi talb qasir, ħelu bil-benna tal-kelma maltija, msaħħra mit-tjieba ta' qalb nisranija. Kemm hu ħelu u kbir lsien misserijietna fit-talb! Ta' dan kelli xhieda dik il-lejla. Imma f'daqqa waħda Katarin donnha ma baqgħetx f'sikitha; bdiet il-litanija wil-kelma tat-talb ma kenitx kelma li qiegħda tifhimha. Minn leħinha għab id-dawl tar-ruħ, u floku, flok il-benna ta' lsienna, smajt kliem latin mgħawweġ barra minn kull xebħ; latin li kellu jdaħħaq l-anġli li kienu jisimgħuh, fieragħ quddiem għajnejn Alla, bħal karfa mormija, għax ma jiftiehemx. X'għiltijiet koroħ li juru għażż fir-ruħ u fil-moħħ ta' min messu għallem aħjar lix-xwejħa Katarin!

"*Kilji lejsu!*" bdiet din bil-môd il-môd.

"*Kyrie eleison,*" wieġeb Dun Gejt, u hekk għall tlett darbiet. Imma lili ma nafx xi ġrali; naf li l-latin ta' Katarin għaraxli qalbi, ħassejt li rrid nidħaq sa ma nistrieħ, imma bżajt li kont inwerwer ir-ruħ safja tagħha. U hekk bi lsieni bejn snieni żammejt id-daħq.

Imma f'daqqa waħda għaqdet. Bla ma qatt stennejtha, ġrali dak li ma ridtux jiġrili. Tifel imqareb, li ma kontx intbaħt bih, mimdud kobba fuq għamra tiben, fettillu jmasħan daqsxejn in-nanna Katarin. "Nan," qalilha, "il-kilwa tal-Lewżu x'tidħol fil-litanija, dik tajba għall-qali!" Lsieni nġibed minn bejn snieni, u d-daħq ma stajtx inżomm.

Katarin miskina ħmaret, tbegħernet u tfixklet. "Qiegħed tara, hux, sur Fred," qaltli b'leħen miksur, "x'jagħmlulek it-tfal.

Dak Peppi ta' binti l-kbira, mindu daħħalnieh is-seminarju mhux ħlief jurini kemm jaf bil-latin; u, jaħasra, jgħidli li ngħid l-ereżijiet fl-itanija. Il-bieraħ tâni bikja, werwirni u bagħatni nqerr. Waħħalli f'rasi li kien ħaqqni naqa' fis-sewda talli, qal hu, żeblaħt il-Madonna, għax fl-itanija għedt, bla ma naf x'ifisser: "*virgu infidelis*". Jaħasra! jien l-itanija ngħidha bla ma naf xi tfisser; jien naf bil-latin? Naf biss li Dun Ċikk, Alla jaħfirlu, hekk għallimhieli, u jien bqajt ingħidha dejjem hekk."

"Mela tgħid l-itanija bħall-pappagall ta' Koli ta' Xofrin,". reġa' qabeż hawn it-tifel mherwel "dak ukoll igħid xi kelma bl-ingliż; il-bieraħ smajtu jgħid waħda, ma nafx kif għallmuhielu, daqsxejn twila, imma toqgħod għalih: *Parrots make parrots, good-bye!...* Hekk qal il-pappagall, u minn dan kollu fehem daqs kemm fhimt int mil-litanija."

"Sikket ilsienek," qabeż hawn Dun Gejt, "ġib ruħek sewwa, għax jibdielek, u bil-latin li taf xejn toqgħod tiddaqqaq, għaliex ma tafx daqskemm taħseb. X'taf tgħidli, ewwilla, fuq Ċiċerun, fuq Ċêsri, fuq Lukrizju, fuq Kwintiljanu u bosta oħrajn, li min jaf kemm ħabbtuli rasi xi ħamsin sena ilu? Inbagħad, ftakar li Alla jgħolli ċ-ċkejken, iħarbat u jwaqqa' l-kburi! Ara, mela, ja sidi! li ma tarġagħx tiddieħaq bin-nanna!" U hawn Dun Gejt ħabat iqum fuq riġlejh, mistrieħ fuq għasluġ, qisu xi Ħabbar mibgħut mill-Mulej biex iwiddeb belt midinba. It-tifel, li kellu l-beżgħa tiegħu, trekken, għatta wiċċu bejn idejh, u, bi rkoptejh mtellgħin sa geddumu, ntefa' ħiemed għar-raqda twila tal-lejl.

"Kompli r-rużarju, Katarin," qal inbagħad ftit imgħaddab Dun Gejt, "ħa neħilsuh bis-sliema."

Ingħid għalija, biex ma narġâx nidħaq, ġibt kewtiela li rrid inpejjep sigarru għal beraħ, u ħriġt fis-setaħ sakemm Katarin spiċċat l-itanija, li minnha ma stajtx nisma' ħlief xi bċejjeċ l'hawn u l'hemm. Dawn huma xi ftit milli l-aktar laqtuni: *Kawsomos eletizja* flok *Causa nostræ letitiæ*, *Għas-sinjura divizjoni* flok *Vas insigne devotionis*; *Reġina sigur saramhomlu* flok *Regina sanctorum omnium*; *Anġlu dei ta' li spikata mundi* (1) flok *Agnus Dei qui tollis peccata mundi*, u bċejjeċ oħra bil-latin maħsus bil-formika!

Wara li Katarin temmet ir-rużarju, Dun Gejt sejjaħli billeħen tiegħu mimli għalkemm xiħ, u ta' saħħa dgħajfa. Domna xi nofs siegħa nlabalbuha, billejna lsienna b'daqsxejn inbid, u jien, ingħid għalija, il-qaleb baqta li tatni Katarin ma nofs ħobża tal-maħlut niżlitli għasel; waqt li l-ġamar kbir u tond filkenur kien jarmi sħana li qatlet il-ksieħ ta' barra għal kollox.

---

(1) Dan il-latin ma għawwiġtux minn żniedi, imma ktibtu kif smajthom jgħiduh tas-sew in-nies tar-raħal li, msieken, jagħmlu kif igħallmuhom. Għajb, iaħasra, li ma jistgħux jifhmuha l-itanija, daqskemm hi sabiħa!

Fost l-oħrajn, tħadditna fuq is-sbuħija tal-itanija, in-nisġa ta' tifħir u xbihat milquta li fiha. "Għax, kos" qal Dun Gejt "mhux la kemm issib xbihat hekk sbieħ għal Madonna." "Iva" qbiżt jien hawn "Dun, u għalhekk għandna nfittxu li lil dawk li ma jafux bil-latin, igħiduha bil-Malti, ingħidu aħna nies tal-qatgħa u t-tagħlim ta' Katarin." Ħabibi l-qassis ħakk rasu. "Ma nafx," wieġeb dan "naf biss li ilu jsir hekk minn żmien żemżem, dejjem bil-latin. Ingħid jien id-drawwa issa saret xi ħaġa bħal liġi. Naħseb li aħjar tingħad dejjem bil-latin, imqar min ma jafx b'dan lsien. Għall-inqas jien lil dawn dejjem hekk għallimthom, u l-kotra ta' sħabi wkoll. Hemm id-drawwa issa mhux la kemm tbiddilha." U hawn ħakk moħħu bħal wieħed milqut minn xi ħsieb ġdid, bħal wieħed li ra l-waqgħa tal-argument tiegħu. Għandu jkun fi kliemi f'daqqa waħda ra bħal xaqq dawl!

Wara li domna nitħaddtu flimkien biċċa sewwa, tajthom il-lejl it-tajjeb, u tlaqt lejn dari f'dik il-lejla kiesħa xitwija.

* * *

Kien ilni nistenna ħafna lil tal-posta mħabba li kelli nirċievi xi gazetti li ridthom f'idejja. Kienu għaddew daqs tlett ijiem mil-laqgħa u t-taħdita li kelli għand Katarin, xħin ġie tal-ittri. Flok il-gazzetti newwilli daqsxejn ta' ittra żgħira, bl-indirizz miktub bl-ittri kbar. Dak li ma kontx nistenna kienet ittra ta' ħabibi Dun Gejt li kienet tgħid hekk :—

"Ħabibi Fredu,

kos, wara li nfridna, qatt naħseb fuq dik it-taħdita li kellna dwar litanija. Ħsibt u rajt li għandek raġun, wasalt biex nagħraf li min igħid l-itanija għandu jifhem xinhu jgħid u għalhekk rajt li aħjar ikun li mil-lum il-quddiem flok '*Kawzonos eletizja*' jew '*Rigina sigur saramhomlu*', Katarin tibda tgħid '*Bidu tal-ferħ tagħna*' jew '*Sultana tal-qaddisin kollha*'. Għax kos, l-anġli li jwasslu l-itanija għand Sidtna naħseb li jifhmu bil-malti wkoll. Ċara żejt, din il-ħaġa; xi tgħid, sur Fred? Meta hu hekk, taf x'ma nistâx nifhem kif jien ridt daqshekk żmien biex insewwi dan il-għilt ?

Għoddni dejjem b'ħabibek,

Dun, Gejt.

Fraħt b'din l-ittra, għax deherli li max-xwejjaħ ħabibi kien hemm magħqudin ħafn'oħra minn sħabu jwegħduni li mil-lum il-quddiem għandhom igħallmu l-itanija bil-malti wkoll. U f'qalbi nbagħad ħassejt il-faraġ ta' wieħed li kien laħaq dmiru lejn Alla u Artu !

Ġusé Aquilina

[Għandna żewġ litanji bil-Malti, waħda, l-aktar mexxejja, hi traduzjoni tal-latin, u l-oħra, li ftit jafuha, hi traduzjoni b'tifsir magħha, hekk : *Int it-torri ta' David, li l-egħdewwa ma jistgħux għalih; Int it-tempju tal-għaref Salamun, tiddi u tħeġġeġ bid-deheb u bin-nar tal-imħabba l'Alla; Int il-Kewkba ta' fil-għodu li tħabbarna bil-miġja tax-xemx tal-grazja*]

Nota tad-Direttur

# DIK QABDA ĦUT!

Mhux dam iħejji ruħu għal dik is-sajda!

Mindu kien ċkejken kien miġnun għas-sajd, iżda ma kellux għajr kopp żgħir li għamlitlu ommu u qasba, xlief tajjeb qatt ma rnexxielu jikseb.

Għalhekk meta s-sur Wiġ stiednu biex imur miegħu fid-dgħajsa biex jerħu l-konz, Toninu iġġennen bil-ferħ u ma kienx ħlief isemmi s-sajda ta' nhar il-Ħamis u l-għadd kbir ta' ħut li ried jaqbad. L-Erbgħa fil-għaxija raqad kmieni biex iqum malajr għax is-sur Wiġ kien ibakkar. F'xi t-tlieta qam, libes bil-ħeffa resaq ħdejn ommu "Sejjer ma", qalilha "berikni". "Tkun imbierek ibni" wieġbitu, qis li ġġib ruħek sew" "Tiħux ħsieb.

U żgur! għax is-sur Wiġ kien wiegħdu li jekk igib ruħu sewwa ma tkunx l-ewwel u l-aħħar.

Il-bieb sabu miftuħ, is-sur Wiġ kien qiegħed idawwar il-lenza fil-kannestru. "Int hawn?" qallu "dal-waqt inkun lest. Ħu dan il-kafè u din il-loqma ħobż. Toninu ma ħalliehx igħidlu darbtejn għax bil-għaġla mid-dar ma ħa xejn. "F'din il-qoffa għandna x'nieklu għal imbgħad" issokta is-sur Wiġ, "aqbad l-imqadef u dawn il-qasab; attent għas-snanar" fil-waqt li hu ħa l-kannestru taħt abtu, kopp kbir u l-qoffa f'idu l-oħra.

Niżlu ir-ramla, ħallew id-dgħajsa. L-arloġġ daqq l-erbgħa. Kien għadu ma sebaħx. Bdew jaqdfu fis-skiet; waslu ħdejn il-gżejjer ta' San Pawl xħin ix-xemx xirfet fil-bogħod bejn sema u ilma u xeħtet lewn ħamrani fuq il-baħar li qabel kien ikħal, fuq it-torri fuq il-ħolqien; mhux tiddi u tisreġ iżda kbira, ħamra, mingħajr id-dija li tgħammxek, li Toninu baqa' mistagħġeb u nesa s-sajd. Is-sur Wiġ fakkru billi qal: "Hawn Ton, ħu l-imqadef biex nerħi il-konż, u xeħet is-sufra il-baħar Bdew ħerġin sunnara wara sunnara b'kull biċċa qarnita imwaħħla li tħajjar kelb il-baħar tant li Toninu beda jaħseb li sejjer jaqbad ħut ta' kobor li jgħaġġbek. Sunnara wara sunnara u Toninu jaqdef sa kemm waslu taħt Selmun. "Kemm hu twil? saqsa fl-aħħar, għax Toninu kell il-marda tat-tfal li jaqbadhom il-ġuħ malajr, u l-iżjed ħdejn il-baħar "ejja nieħdu xi ħaġa sur Wiġ" u waqaf mill-qdif.

"Stenna sa kemm inkalaw il-konz, u aqdef għax qegħdin induru" wieġbu.

It-tifel raġa' beda jaqdef u fl-aħħar snanar ma baqax; is-sur Wiġ qallu biex jieqaf u beda jħott il-ħwejjeġ tal-ikel. Dak il-ħin Toninu lemaħ għar mhux bogħod u qajl, qajl, beda riesaq lejh; is-sur Wiġ ħass il-lenza tinġibed ħares il-fuq "Ieqaf hemm" għajjat, u tiċċaqlaqx kemm tista'."

Tah kisra ħobż bil-perżut, li Toninu malajr belagħha, u qagħad jistad bil-qasba.

Toninu ħa l-kopp; l-anqas laħaq xeħtu li ma bediex jaqbeż u jgħajjat "ara kemm qbadt, ara kemm qbadt." "Gambli ?" saqsieh is-sur Wiġ.

"Le ħut tassew," għax kien qabad ċawla u bużulliqa, "dawn inżommhom għal-lixka."

Waħħal id-daqsxejn ta' ħuta fis-sunnara u beda jistad bil-qasba. Wara ftit ħass xi ħaġa tiġbed. "Messni" qal taħt ilsien; il-ġbid kiber, Toninu ried itellagħha hu bil-fors, kien sa jaqleb id-dgħajsa, ma felaħx iżjed, u l-qasba taret minn idu u baqgħet sejjra. "Żgur xi spnotta" qal imbikkem. Is-sur Wiġ ma weġibx, kien qiegħed iħares lejn l-aħjar xlief ta' Spanja li kellu, sejjer jintilef. "Tridx nerfgħu l-konz" qal, għax ix-xogħol ma għoġbux, u flok sagħtejn ma damx iżjed minn nofs siegħa; minflok għadd kbir ta' ħut sabiħ ma sabux ħlief imsella u Toninu li qagħad jistenna sunnara wara sunnara u sabhom kollha vojta jew bil-lixka bla mittiefsa b'dispjaċir kbir sa fl-aħħarnett is-sufrun.

"Mhux xortik tajba Ton" qallu s-sur Wiġ, li kien iħossu ftit u xejn mismut għax stenna qabda ġmielha u ħasibha jekk jerġax jieħu miegħu dak il-qażwitu bla sabar.

Iżda l-kbir kien għadu ġej.

Fuq il-ponta kien hemm sajjied: "Xi qbadna sabiħ?" saqsiehom, u s-sur Wiġ li kien iridha ta' sajjied tas-sengħa kellu jistqarr li dak inhar ma qabad xejn.

Meta waslu x-xatt poġġew il-qasba u l-imqadef l-art, Toninu qabbad idejh mal-blat biex jistenna s-sur Wiġ jinżel, iżda d-dgħajsa bdiet titbiegħed Toninu riedha tibqa' hemm baqa' iżomm iebes sakemm id-dgħajsa beżqitu u hu sab ruħu sa nofsu fil-baħar. Id-dgħajsa baqgħet sejjra, is-sur Wiġ tħawwad, waħdu bla mqadef, ma kienx xi żagħżugħ fuq ruħu li jaqbeż u jiġbed id-dgħajsa warajh; biex tagħqad ma kien hemm ħadd f'dawk l-inħawi u d-dgħajsa baqgħet ħierġa l-barra, il-barra. Beda jaqdef bil-paljol u b'idejh, igħin ruħu kif jista' sakemm irnexxielu jaħbat mal-blat, u jinżel l-art.

Huwa u jorbot qal "Għamiltha ta' raġel Ton". U Toninu fehem li l-ewwel sajda tiegħu mas-sur Wiġ kienet ukoll l-aħħar.

MARY CARUANA.

# TAGĦRIF

## LAQGĦAT

Fix-xahar ta' Awissu kellna erba' laqgħat, u fihom inqraw dawn il-bċejjeċ:

*Lil Wied il-Għasel*, poëżija ta' A. E.
*Dik qabda ħut!* ta' Mary Caruana.
*Ta' kull jum iweġġa' r-ras*, ta' Carm. Vella.
*Ġmajru u l-karozzi-tan-nar*, ta' Or. Vella.
*Ħudli, ja Mulej*, u *L-Għarixa*, żewġ poëżiji ta' Ant. But.
*Id-daqqâq tal-flawt*, ta' G. Galea.
*Mandolina w Ġiżimin*, ta' Ġużê Aquilina.

F'dawn il-laqgħat tas-sajf, barra mill-qari, jsir xogħol ieħor, jiġifieri, taħdit, mistoqsijiet u tagħrif fuq ortografija, fuq grammâtka u fuq kull ma għandu x'jaqsam mal-kitba tal-Malti.

## DALWAQT JOĦROĠ
## KTIEB L-IMĦALLFIN U KTIEB RUT

maqlubin mil-lhudi u mfissrin mill-Prof. Dun P.P. Saydon. Hu s-seba' wieħed mill-Kotba Mqaddsa li s'issa ħarġu mfissrin minn Dun P.P. Saydon.

## ĦBAR TA' MEWT

B'għafsa kbira ta' qalbna nħabbru l-mewt ta' ħabibna s-Sur Jos. Agius Vadalà B.Sc., student tal-Mediċina, li miet wara marda qasira u qalila, nhar it-22 ta' Awissu. Ħabrieki għat-tagħlim, dħuli fl-imġiba tiegħu, maħbub minn kullħadd, ħalla fostna vojt kbir li xejn ma jista' jimlieh. Kien bħal warda maqtugħa mis-siġra, hi u tibda tbexxaq, hi u tibda turi lwienha u tfewwaħ reħitha. Iżda għalkemm maqtugħ minn quddiem għajnejna, ma jinqata' qatt minn ġo qalbna.

Natu l-għomor lil missieru, l-Prof. Thos. Agius M.A., M.D., F.R. Met. Soc., Rettur tal-Università, u lil qrabatu kollha.

# ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.